II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/853

tal-24 ta' April 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.

(2) Abbażi ta' rieżami tal-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK ([2]), jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna persuna waħda elenkata fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 titneħħa minn dak l-Anness. Jenħtieġ li tiġi aġġornata entrata waħda inkluża fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012.

(3) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 267/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li thassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

L-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata 10 (li tikkonċerna lil Rostam QASEMI) fil-lista bl-intestatura "II. Korp tal-Gwardja Rivoluzzjonarja Iranjana (IRGC)", taħt is-subintestatura "A. Persuni" titħassar;

(2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew relatati ma' missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", l-entrata li ġejja tissostitwixxi l-entrata korrispondenti fil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"12.	Fajr Aviation Composite Industries	Mehrabad Airport, PO Box 13445-885, Tehran, Iran	Sussidjarja tal-IAIO fi ħdan il-MODAFL it-tnejn indikati mill-UE li primarjament tipproduċi materjali komposti għall-industrija tal-inġenji tal-ajru. Fajr Aviation Composite Industries tipproduċi wkoll droni, li allegatament qed jintużaw għad-destabbilizzazzjoni reġjonali.	26.7.2010"